# X'niftakar mill-imgħoddi f'raħal twelidi – Iż-Żejtun



*Joe Mercieca*

Iż-żmien jgħaddi u ħadd ma jżommu. Hekk jgħidu u hekk hu. Ħafna drabi matul il-medda tas-snin jidħlu drawwiet jew użanzi ġodda. Dawn l-użanzi ġodda tant irabbu għeruq, li ħafna drabi jeqirdu u jordmu d-drawwiet qodma li nkunu drajna bihom għal ċertu snin. Illum irrid insemmi dak li niftakar minn tfuliti, li għandu x'jaqsam mat-tqarbin tal-morda, il-funerali u l-quddies tal-mejtin fil-parroċċa tagħna.

**It-Tqarbin tal-Morda**

Il-mard minn dejjem kien, u dari l-għadd ta' nies morda jew anzjani rikoverati fid-djar tagħhom jew ta' uliedhom kien akbar minn dak preżenti, għaliex in-nies kienu jibżgħu jmorru l-isptar jew jinġabru fid-dar tax-xjuħ f'San Vinċenz de Paule. Ngħiduha kif inhi, kemm l-isptar u kemm id-dar tax-xjuħ tal-lum m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk ta' tfuliti. Hawnhekk, f'dan il-qasam tas-saħħa, bil-progress fil-mediċina u bl-għajnuna finanzjara tal-gvern, saret qabża għall-aħjar u dan biddel il-mentalità tal-poplu ta' taħt fuq, tant li llum kulħadd ifittex biex imur l-isptar għax jaf li sa jfiq jew jinġabar fid-dar tal-anzjani, għax jaf li hemm sa jgħix l-aħħar snin ta' ħajtu trankwill u ma sa jonqsu xejn.

Il-morda fil-parroċċa tagħna kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Viċi Parroku.

Is-saċerdoti l-oħra wkoll kien jgħinu lill-Viċi fit-tqarbin tal-morda. Kważi kull saċerdot kellu xi ftit morda jew anzjani u dawn kienu jinvistawhom biex iqerruhom u jqarbnuhom darba fil-ġimgħa jew kull ħmistax. Iżda meta dawn il-morda kienu jaslu fl-aħħar, hawn kien jidħol il-Viċi biex jamministralhom il-Griżma tal-Morda u jibqa' jinvisthom sal-aħħar. Tajjeb infakkru li s-saċerdot meta kien joħroġ biex iqarben il-morda fi djarhom kien jilbes fuq is-suttana l-ispellizza, l-istola bajda u fl-aħħar il-kowt jew kappun li kien idawru madwaru u bih jgħatti l-ispellizza. Ħafna mis-saċerdoti kienu jieħdu xi tifel magħhom biex iżommilhom l-asperġes u l-ktieb tat-*talb*. Bħala tfal konna nieħdu pjaċir immorru ma' dak is-saċerdot u mhux l-ieħor għax dan wara li jispiċċa t-tqarbin kien jagħtina tliet soldi jew xelin.

**Il-Vjatku tal-Morda**

Il-vjatku minn dejjem kien f'idejn il-Viċi-Parroku. Meta xi marid ikun wasal fl-aħħar, il-Viċi l-ewwel kien ikellem lill-marid u wara lill-membri tal-familja tiegħu dwar l-amministrazzjoni tal-aħħar sagramenti u jekk iridux li dawn isiru waqt il-vjatku. Il-Vjatku, meta s-saħħa tal-moribond kienet tippermetti, ġeneralment kien isir filgħaxija jew qabel jew wara r-rużarju u barka sagramentali.

Appena kienet tittieħed id-deċiżjoni, is-sagristan kien jagħmel is-sinjal ta' tliet tokki wara xulxin bil-qanpiena l-kbira għal diversi drabi. Dawn it-tokki repetuti mill-kampnar kienu jfissru għalina t-tfal biex b'ġirja waħda mmorru l-knisja, nilbsu ta' abbatini u nieħdu f'idejna fanal, jew il-qanpiena jew l-asperġes jew it-tużeletta. Dawk it-tfal li ma kellhomx il-libsa ta' abbati kienu jieħdu sehem billi jieħdu fanal mis-sagristija. Kien hemm tfal li kellhom il-fanal tagħhom u kienu jġibuh magħhom. Fil-vjatku kienu jieħdu sehem ukoll xi fratelli tas-Sagrament, li wieħed minnhom kien jieħu f'idejh l-istandard tal-vjatku u ieħor kien iżomm l-umbrella fuq ras is-saċerdot li kien iġorr fuqu l-Ewkaristija u ż-żejt tal-Griżma tal-Morda.

F'inqas minn kwarta mit-tokki tal-qanpiena kien jibda ħiereġ il-vjatku u fuq quddiem mal-istandard kien jimxi l-abbati jdoqq il-qanpiena biex jagħti s-sinjal lil dawk li jkunu fit-triq li ġej is-saċerdot iġorr l-Ewkaristija u biex hekk kulħadd juri rispett bl-imġiba tiegħu. Ħafna kellhom id-drawwa li mhux biss kienu jieqfu imma kienu jinżlu għarkupptejhom fuq il-bankina sakemm jgħaddi minn quddiemhom il-vjatku. Fid-dar tal-moribond



kien jidħol is-saċerdot, l-abbati bl-asperġes u l-abbati l-ieħor bit-tużelletta. Meta l-proċessjoni tal-vjatku kienet tidħol lura l-knisja, il-Viċi-Parroku kien jagħti l-barka sagramentali fuq dawk kollha preżenti fil-knisja.



Il-Viċi-Parroku fil-parroċċa tagħna kien ukoll responsabbli, li darbtejn fix-xahar, jorganizza t-tqarbin għall-morda kollha tal-parroċċa. F'jum wieħed kien imur lejn ir-raħal ta' fuq u f'jum ieħor kien imur lejn ir-raħal t'isfel. Dan kien isir b'forma ta' proċessjoni bħalma jsir il-Vjatku. Dan it-tqarbin kien isir fost il-ġimgħa, wara l-quddiesa tal-5.00 ta' filgħodu. Din il-proċessjoni kienet tispiċċa l-knisja għall-ħin tas-7.30am. Ħin tajjeb ħafna għalina t-tfal biex nilħqu mmorru d-dar, nieħdu tazza te u wara niġru bil-basket lejn l-iskola primarja. Barra dan it-tqarbin tal-morda ta' kull xahar, fi żmien l-Għid, f'żewġt iħdud wara xulxin, it-tqarbin kien isir b'mod iżjed solenni. Kien isir filgħodu kmieni u fih kienu jieħdu sehem iżjed fratelli tas-Sagrament u iżjed abbatini. Matul dan it-tqarbin tal-Għid kien ukoll jinbidel il-bulettin ta' dawk il-morda.

**Il-Funerali**

Kien hemm dawk mid-dar tal-mejjet u dawk li kienu jmutu l-isptar. Fi tfuliti l-aktar komuni kienu dawk tal-ewwel. Funerali kważi kuljum, sew ta' adulti u sew ta' trabi.

Ir-raġuni prinċipali kienet, kif għidt aktar 'il fuq, għax in-nies kienu jibżgħu li jmorru lejn l-isptar. Ħafna kienu jittamaw li jfiequ bil-mediċini u l-kura tat-tabib tal-familja.

Ħafna wkoll kienu jippreferu li jmutu mdawrin mill-familjari tagħhom, għax dak iż-żmien ma kinux jeżistu l-faċilitajiet tat-trasport u tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni li għandna madwarna llum. Ħafna oħrajn kienu jemmnu li l-kelma 'sptar' kienet tfisser għalihom li t-tmiem tagħhom huwa fil-qrib.

Meta fil-parroċċa tagħna dawn il-funerali tal-adulti mid-djar kienu jsiru filgħodu, dawn kienu jsiru għal xi s-6.30, biex wara li l-mejjet jidħol il-knisja kienet toħroġ il-quddiesa kantata fis-7.00, u fl-aħħar kienet issir id-difna fiċ-ċimiterju jew fil-kannierja. Imma meta l-funeral kien isir filgħaxija, dan kien isir għal xi l-4.30 u l-mejjet kien jew jittieħed il-knisja, fejn kien jinżamm maqful fl-Oratorju, biex l-għada filgħodu ssirlu l-quddiesa *presente cadavere* jew kien jittieħed dritt lejn iċ-ċimiterju ta' San Girgor u l-għada kienet issirlu quddiesa u f'din il-quddiesa kien jintrama t-tubru, li kien jieħu post il-mejjet li jkun indifen il-jum ta' qabel. Il-funerali tat-trabi kienu jsiru b'mod aktar sempliċi kemm filgħodu u kemm filgħaxija. Dawn kienu jindifnu kemm fil-kannierja u kemm fiċ-ċimiterju mingħajr quddiesa.

L-Arċipriet jew il-Viċi-Parroku kienu jmexxu l-funerali kemm tal-adulti u kemm tat-trabi. Fil-funerali kienu jieħdu sehem is-saċerdoti kollha tal-parroċċa, kif ukoll żewġ abbatini biex wieħed iżomm is-salib tal-kleru u ieħor is-sassla bl-asperġes. Waqt il-funerali tal-adulti lejn il-knisja jew iċ-ċimiterju, is-saċerdoti kienu jkantaw bil-Latin is-Salm nru 50, 'il-Miserere'. Fil-funerali minbarra s-saċerdoti u l-qraba tal-mejjet, kienu jieħdu sehem grupp ta' tfal mill-istituti flimkien ma' xi żewġ sorijiet minn dawk li għandna fil-parroċċa. Xi drabi kienu jieħdu sehem ukoll numru ta' fratelli bl-istandardi rispettivi tagħhom, meta kien imut xi ħadd li kien membru attiv f'xi waħda mill-fratellanzi tal-parroċċa. Ma jonqosx ukoll li nsemmi s-sehem tal-banda meta kien imut xi bandist jew membru tal-kumitat tal-istess banda. Il-banda kienet normalment tieħu sehem wara l-quddiesa *presente cadavere* u waqt il-funeral lejn iċ-ċimiterju kienu jdoqqu l-marċi funebri.

Minbarra dawn il-funerali li semmejt, kien hemm il-funerali ta' dawk li jmutu l-isptar. Dawn il-mejtin kienu jinġarru bil-karru tal-mejtin miġbud minn żewġ żwiemel. Wara dan il-karru kien ikun hemm il-karozzella tas-saċerdot u żewġ abbatini miġbuda wkoll minn żewġ żwiemel. Meta kont abbati tgħidx kemm



kont nieħu pjaċir meta kien imissni biex immur mal-Viċi għal xi mejjet mill-Isptar San Luqa. Il-karozzella tas-saċerdot kienet titlaq minn wara l-knisja għal xi s-2.00 pm, waqt li l-karru kien jitlaq qabel. Lura konna naslu bejn l-4.00 jew l-4.30 pm. Konna nieqfu quddiem il-knisja parrokkjali jew immorru dritt lejn iċ-ċimiterju. Il-quddiesa dejjem kienet issir l-għada filgħodu għax dak iż-żmien ma kienx isir quddies wara nofsinhar.

Fil-funerali mill-isptar, wara l-karru u l-karozzella kien ikun hemm xi *taxi* sewda bil-familjari tal-mejjet. It-triq lejn u lura mill-isptar kienet, miż-Żejtun għal Ħal-Tarxien, ngħaddu minn Triq Palma f'Raħal Ġdid, ngħaddu minn quddiem iċ-Ċimiterju tal-Addolorata għal quddiem il-Knisja tal-Marsa, nidħlu l-Ħamrun, induru mal-Għassa tal-Ħamrun u niksru lejn Gwardamangia. Fi triqitna lura, ġieli flok minn ġol-Ħamrun il-kuċċier kien jiġbed għal quddiem il-knisja ċkejkna tad-Duluri f'Tal-Pietà, għat-telgħa lejn it-triq tal-Bombi u lejn Blata l-Bajda. Fi tfuliti ma kienx hemm il-problema tat-traffiku, kif għandna llum, tant hu hekk li kull min kien isuq xi karozza kien jagħti dejjem id-dritta lill-karru tal-mejtin biex jibqa' sejjer. Hawn ta' min wieħed isemmi, meta xi drabi f'ċerti funerali li jkunu ġejjin minn barra l-parroċċa tagħna, il-karru tal-mejtin u l-karozzella tas-saċerdot kienu jieqfu fit-tarf ta' Triq Santa Katerina – eżattament fejn 'is-salib' – u minn hemm sal-knisja jew saċ-ċimiterju, il-mejjet kien jittieħed fuq l-ispalla akkompanjat mis-saċerdoti kollha tal-parroċċa u l-familjari tal-mejjet. Din id-drawwa hija frott il-mentalità ta' kif kienu jaħsbuha n-nies f'dak iż-żmien, li għalihom t-triq mill-isptar sa tarf ir-raħal kienu jgħidulu 'trasport', waqt li minn tarf ir-raħal sal-knisja jew iċ-ċimiterju kienu jgħidulu 'l-funeral'.


Purċissjoni antika ta' San Girgor

## Il-Quddies tal-Mejtin

Kif qed insemmi l-funerali, tajjeb li hawn infakkar il-quddies tal-mejtin li kien isir kważi kuljum mit-Tnejn sas-Sibt fil-quddies tas-6.30 u tas-7.00 ta' filgħodu fil-knisja parrokkjali. Hawn mhux qed nirreferi għall-quddies bil-preżenza tal-mejjet, imma għal dak il-quddies bil-kant sempliċi jew kantata bil-vuċijiet u biċ-ċelebrant akkompanjat minn żewġ saċerdoti, wieħed fuq il-lemin u ieħor fuq ix-xellug, bħala djaknu u subdjaknu. Kemm il-kliem kif ukoll il-kant kien kollu bil-Latin u min kien jattendi kien dejjem jisma' l-istess kantaliena ġurnata wara l-oħra. Verament nista' ngħid liturġija tal-mejtin u swied il-qalb għal min kien jattendi biex jisma' quddiesa matul il-ġimgħa f'dawk il-ħinijiet. Dan il-quddies kollu tal-mejtin huwa riżultat ta' t-twemmin il-poplu li kien jaħseb li aktar kemm iħallas u kemm isir kant fil-quddiesa aktar għandu valur spiritwali biex jitnaqqsulu s-snin mill-purgatorju. F'dan il-quddies kantat, ħafna drabi kien jintrama t-tubru mgħotti bil-faldrappa sewda u mdawwar b'numru ta' xemgħat u li fl-aħħar tal-quddiesa ċ-ċelebrant kien jinżel iroxx fuqu l-ilma mbierek u jinċensah waqt li titkanta l-Libera.

Tant kien jintuża dan it-tubru, li meta ma kienx jintuża, is-sagristan kien iressqu għal taħt waħda min-navati tal-kursija u hekk kien ikun dejjem għal-lest. L-abiti sagri għal waqt dan il-quddies kien dejjem ta' kulur iswed sal-istess kotba tal-quddies kienu b'qoxra sewda.

F'dak iż-żmien, fil-quddies tal-mejtin ma kinetx issir l-omelija miċ-ċelebrant.

Lilna, bħala abbatini, il-Viċi-Parroku kien jippreparalna r-roster kull ġimgħa biex aħna nkunu nafu meta jmissna nattendu għal dan il-quddies tal-mejtin. Għal din l-attendenza bħala abbatini, il-Viċi kien jagħtina xi ħaġa żgħira tal-flus fl-aħħar tax-xahar u aħna dawn il-ftit xelini konna nibżgħu għalihom u nfaddluhom biex nixtru xi ġugarell jew il-komiks min għand Ninu Seychell tal-gazzetti.

Illum, kemm il-morda u kemm il-funerali u l-quddies għadhom isiru, imma b'differenza għax ir-riforma fil-liturġija wara l-Konċilju Vatikan II kif ukoll in-nuqqas ta' saċerdoti u l-ħajja iżjed kumplikata u mgħaġġla setgħu kienu u huma l-kawżi prinċipali għal dan it-tibdil fil-parroċċa. Inħalli f'idejkom il-qarrejja biex tgħaddu l-ġudizzju tagħkom dwar liema kien l-aħjar żmien.